

Brussell, 11 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14448/25

ECOFIN 1411
UEM 514
FIN 1247
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP, recovery and resilience plan) mill-Kroazja fit-8 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill valutazzjoni pożittiva tiegħu. Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³ u tal-20 ta' Ġunju 2025⁴.
- (2) Fis-7 ta' Ottubru 2025, il-Kroazja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li, parzjalment, l-RRP ma kienx għadu jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Kroazja ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Kroazja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 151 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10687/21 INIT; ST 10687/21 ADD 1 f'<http://register.consilium.europa.eu>

³ Ara d-dokumenti ST 15834/23 COR 1 ADD 1 REV 1 f'<http://register.consilium.europa.eu>

⁴ Ara d-dokumenti ST 9586/25 INIT; ST 9586/25 ADD 1 f'<http://register.consilium.europa.eu>

- (4) Il-Kroazja spjegat li 7 miżuri ma kinux għadhom jistgħu jinkisbu għal kollox, minħabba ż-żidiet għoljin fil-kostijiet. Dan jikkonċerna l-miżuri C3.1-R1-I1 (Kostruzzjoni, titjib, rikostruzzjoni u tagħmir tal-faċilitajiet tal-ECEC), C3.1-R1-I2 (Kostruzzjoni, titjib, rikostruzzjoni u tagħmir tal-iskejjel primarji għat-tagħlim ta' ġurnata sħiħa b'xift wieħed), C3.1-R1-I4 (Kostruzzjoni, titjib, rikostruzzjoni u tagħmir tal-iskejjel primarji għal tagħlim ta' ġurnata sħiħa b'xift wieħed), C7.1-R1-I1 (Użu tal-idroġenu u teknoloġiji ġodda), C7.1-R1-I2 (Stabiliment ta' ekonomija bbażata fuq l-idroġenu (permezz tal-Wied tal-Idroġenu Adrijatiku tat-Tramuntana)), C7.1-R1-I4 (Tisħiħ tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u t-tisħin) u C7.1-R1-I5 (Bijoraffinerija għall-produzzjoni ta' bijofjuwils avvanzati Sisak). Abbażi ta' dan il-Kroazja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-Kroazja spjegat li 4 miżuri ma kinux għadhom jistgħu jinkisbu minħabba ż-żidiet għoljin fil-kostijiet. Dan jikkonċerna il-miżuri C1.4 R2-I2 (Modernizzazzjoni tal-linja ferrovjarja M604 Oštarije — Knin — Split), C1.4 R2-I5 (Sostituzzjoni tal-pads tal-brejkijiet tal-vaguni tal-merkanzija sabiex jitnaqqas l-istorbju), C1.4-R3-I4 (Tagħmir tal-portijiet b'infrastruttura tal-ġestjoni tal-iskart) u C 5.1- R4-I6 (Ġestjoni tal-iskart fiċ-Ċentru tal-Isptarijiet KBC Zagreb). Abbażi ta' dan, il-Kroazja talbet li tneħħi dawk il-miżuri . Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (6) Il-Kroazja spjegat li 4 miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna il-miżuri C1.4-R2-I7 Modernizzazzjoni tas-sistema tal-IT u tal-bejgħ, C1.6-R1-I2 (Tisħiħ tal-kompetittività tal-intraprendituri u t-trawwim tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur tat-turiżmu), C2.3-R4-I1 (Implimentazzjoni ta' proġetti taħt il-Programm Qafas Nazzjonali għall-Iżvilupp ta' Infrastruttura tal-Broadband f'oqsma fejn ma hemmx biżżejjed interess kummerċjali fl-investiment) u C3.1-R1-I3 (Kostruzzjoni, titjib, rinnovazzjoni u tagħmir tal-iskejjel sekondarji). Abbażi ta' dan il-Kroazja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-Kroazja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna l-miżuri C1.5-R2-I1 (Konsolidazzjoni tal-art agrikola). Abbażi ta' dan, il-Kroazja talbet li tneħħi dik il-miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Il-Kroazja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-konsegwenzi tat-terremoti fl-2020 li għamlu ħsara fil-bini tal-qorti. Dan jikkonċerna l-miżura C2.5-R1 (Żieda fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini). Abbażi ta' dan, il-Kroazja talbet li temenda dik il-miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (9) Il-Kroazja spjegat li ġiet emendata miżura waħda biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tikseb l-ambizzjoni oriġinali tagħha. Dan jikkonċerna l-miżura C7.2-I2 (Rinnovazzjoni tal-bini li saritlu ħsara bit-terremoti b'rinnovazzjoni tal-enerġija). Abbażi ta' dan, il-Kroazja talbet li temenda dik il-miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (10) Il-Kroazja spjegat li 133 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C1.1.1-R1-I1 (Diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-gvern u tal-amministrazzjoni pubblika pprovduti lis-settur tan-negozju (G2B)), C1.1.1-R1-I2 (Kontinwazzjoni tal-Ħelsien mill-piżijiet amministrattivi u fiskali), C1.1.1-R4-I1 (Appoġġ għall-intrapriżi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi), C1.1.1-R4-I2 (Strument finanzjarju għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju), C1.1.1-R4-I3 (Strument finanzjarju għal intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja u kbar), C1.1.1-R4-I4 (Strument finanzjarju għall-entitajiet tas-settur pubbliku), C1.1.1-R6-I1 (Trasformazzjoni u tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali u kreattivi), C1.1.1-R6-I2 (Stabbiliment ta' sistema ta' verifika tal-fatti tal-media u ta' divulgazzjoni pubblika), C1.1.1-R2 (Tkompilja tar-riforma tal-professjonijiet regolati), C1.1.1-R3 (Avvanz tal-qafas strateġiku għall-promozzjoni tal-investment privat), C1.1.1-R5 (Diversifikazzjoni tas-swieq kapitali u titjib tal-aċċess għal finanzjament alternattiv), C1.1.1-R7 (Stabbiliment tal-Forum ta' Appoġġ għall-Finanzi Sostenibbli), C1.1.2-R2-I2 (Ninvestu fil-kapaċità maniġerjali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju), C1.1.2-R2-I3 (Finanzjament tal-għotjiet għan-negozji l-ġodda), C1.1.2-R2-I4 (Tisħiħ tal-Attivitajiet ta' Aċċellerazzjoni), C1.1.2-R2-I5 (Kummerċjalizzazzjoni ta' proġetti ta' innovazzjoni),

C1.1.2-R3-I2 (Vawċers ta' diġitalizzazzjoni), C1.1.2-R3-I3 (Għotjiet għad-diġitalizzazzjoni), C1.1.2-R1 (Riforma tas-sistema ta' inċentivi tar-R&D), C1.2-R1-I1 (Rivitalizzazzjoni, bini u diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u appoġġ għall-infrastruttura għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), C1.2-R1-I2 (Trawwim tal-effiċjenza enerġetika, sħana u enerġija rinnovabbli għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), C1.2-R1 (Dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), C1.3-R1 (Implimentazzjoni tal-programm għall-ġestjoni tal-ilma), C1.3-R1-I1 (Programm pubbliku għall-iżvilupp tad-drenaġġ), C1.3-R1-I2 (Programm pubbliku għall-iżvilupp tal-provvista tal-ilma), C1.3-R1-I3 (Programm għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri), C1.3-R2-I1 (Programm għat-tnaqqis tar-rimi tal-iskart), C1.3-R2-I2 (Programm ta' rimedju għal landfills magħluqa u siti kkontaminati bi skart perikoluż), C1.3-R3 (Implimentazzjoni ulterjuri tal-programm ta' ġestjoni tal-ilma), C1.3R-R3-I1 (Aktar investimenti fil-programm pubbliku għall-iżvilupp tad-drenaġġ), C1.3-R3-I2 (Aktar investimenti fil-programm pubbliku għall-iżvilupp tal-provvista tal-ilma), C1.3-R2 (Implimentazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-iskart), C1.4-R1-I1 (Sistema ta' pedaġġ elettroniku), C1.4-R1-I3 (Sistema elettronika nazzjonali ta' skambju ta' data u ħżin elettroniku tat-trasport bit-triq (NSCP)), C1.4-R1-I5 Monitoraġġ tat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (e-ADR)), C1.4-R2-I3 (Tneħħija ta' "konġestjonijiet" fl-infrastruttura ferrovjarja), C1.4-R2-I6 (Użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi fit-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri), C1.4-R3-I1 (Programm ta' modernizzazzjoni għall-portijiet miftuħa għat-traffiku pubbliku), C1.4-R4-I1 (Akkwist ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi għat-trasport pubbliku urban u suburban regolari), C1.4-R4-I2 (Modernizzazzjoni tal-flotta tat-tramm), C1.4-R5-I1 (Elettrifikazzjoni u ekoloġizzazzjoni tas-sistema tas-servizzi fuq l-art u tal-provvista tal-enerġija fl-ajruport ta' Zadar), C1.4-R5-I2 (Riċerka, żvilupp u produzzjoni ta' vetturi ġodda ta' mobbiltà u infrastruttura ta' appoġġ),

C1.4-R5-I3 (Programm ta' kofinanzjament għax-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bi fjuwils alternattivi u l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-fjuwils alternattivi fit-trasport bit-triq), C1.4-R2 (Riforma tas-settur ferrovjarju), C1.5-R1-I1 (Kostruzzjoni u tagħmir ta' ċentri loġistiċi u ta' distribuzzjoni għall-frott u l-ħaxix), C1.5-R1-I2 (Tisħiħ tal-pożizzjoni u l-viżibbiltà tal-produtturi fil-katina tal-provvista tal-ikel), C1.5-R2-I2 (Programm ta' Monitoraġġ tal-Art Agrikola), C1.5-R3-I2 (Agrikoltura Intelliġenti), C1.6-R1-I1 (Diversifikazzjoni reġjonali u l-ispeċjalizzazzjoni tat-turiżmu Kroat permezz ta' investimenti fl-iżvilupp ta' prodotti tat-turiżmu b'valur miżjud għoli), C1.6-R1-I3 (Tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema għal turiżmu reżiljenti u sostenibbli), C2.1-R1-I1 (Ottimizzazzjoni, standardizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-proċessi għall-ippjanar strateġiku u l-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki pubbliċi), C2.1-R1-I2 (Tisħiħ tal-kapaċità fl-ippjanar strateġiku u regolamentazzjoni aħjar), C2.1-R2-I1 (Provvista ta' assistenza lill-benefiċjarji fit-tnejn tad-dokumentazzjoni teknika dwar il-proġetti u l-proġetti), C2.1-R1 (Tisħiħ tal-mekkaniżmi għall-integrazzjoni u l-ġestjoni tal-politiki pubbliċi bil-professjonalizzazzjoni tal-ippjanar strateġiku), C2.2-R3-I1 (Użu tal-infrastruttura diġitali u s-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika bl-iżvilupp ta' sistema bażi ta' konservazzjoni), C2.2-R3-I2 (Titjib tal-infrastruttura u s-servizzi tas-settur pubbliku diġitali billi tiġi żviluppata s-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar l-Arkivji u t-tisħiħ tan-network tal-arkivji nazzjonali), C2.2-R4-I1 (Aktar ottimizzazzjoni u deċentralizzazzjoni tal-unitajiet tal-gvern lokali u reġjonali permezz ta' appoġġ għal fużjonijiet funzjonali u reali), C2.3-R2-I1 (Stabbiliment ta' sistema ċentrali ta' interoperabbiltà), C2.3-R3-I1 (Titjib ta' Ċentru tas-Servizzi Kondiviżi), C2.3-R3-I6 (Investiment fin-networks tal-infrastruttura tal-informazzjoni tal-Istat), C2.3-R3-I7 (Titjib tas-sistema tal-ippjanar spazjali, tal-kostruzzjoni u tal-assi tal-istat permezz tad-diġitalizzazzjoni),

C2.3-R3-I10 (Diġitalizzazzjoni u kompjuterizzazzjoni tas-CCES (eHZZ)), C2.3-R3-I11 (Appoġġ għall-ICT modernizzazzjoni ta' HZMO (eHZMO)), C2.3-R3-I12 (Diġitalizzazzjoni tal-arkivji HZMO (eArhiva)), C2.3-R3-I13 (Trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa), C2.3-R3-I15 (Stabbiliment ta' soluzzjonijiet għall-applikazzjoni tat-turiżmu bl-għan li jittaffew b'mod amministrattiv l-impreditturi u jiġi ttrasformat il-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà), C2.3-R3-I16 (Diġitalizzazzjoni tal-proċessi fl-isport u r-rikreazzjoni fil-livell lokali u reġjonali), C2.3-R3-I17 (Stabbiliment tar-Reġistru tal-Popolazzjoni, il-Familja u l-Unitajiet Domestiċi), C2.3-R4-I2 (Kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika passiva), C2.4-R2 (Titjib tal-governanza korporattiva f'intrapriżi tal-istat ta' interess partikolari għar-Repubblika tal-Kroazja u f'intrapriżi b'maġġoranza kbira tal-gvern ċentrali), C2.4-R3 (Tisħiħ tal-kapaċità umana għall-monitoraġġ tal-governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat), C2.4-R4 (Tkompilja tat-tnaqqis tal-għadd ta' intrapriżi tal-istat li mhumiex ta' interess partikolari għall-Kroazja), C2.4-R5 (Ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tal-proprjetà tal-Istat), C2.5-R1-I2 (Titjib tas-sistema ta' informazzjoni tar-reġistru tal-artijiet u l-katast), C2.5-R1-I4 (Disinn u implimentazzjoni tal-proġett tal-Pjazza tal-Ġustizzja ta' Zagreb biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tal-proċeduri kummerċjali u t-tilwim amministrattiv), C2.5-R1-I6 (Infrastruttura tal-IT Stabbli u reżiljenti għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Ġustizzja), C2.5-R1-I7 (Disinn u implimentazzjoni tal-proġett tal-Pjazza tal-Ġustizzja ta' Zagreb biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tal-proċeduri kummerċjali u t-tilwim amministrattiv), C2.6-R1-I1 (Involvement tal-pubbliku ġenerali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-ħsara tal-korruzzjoni, il-ħtieġa tal-prevenzjoni u l-protezzjoni legali tal-persuni li jirrapportaw), C2.6-R1-I4 (Appoġġ għall-effiċjenza fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata),

C2.6-R1 (Żżieda fl-effiċjenza, il-koerenza u l-ftuħ tal-awtoritajiet fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tad-diġitalizzazzjoni, it-tisħiħ tat-trasparenza u t-titjib tal-koordinazzjoni), C2.6-R3 (Titjib tal-governanza korporattiva f'kumpaniji b'maġġoranza tal-ishma ta' unitajiet tal-gvern lokali u reġjonali), C2.8-R4 (Tisħiħ tas-superviżjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju fis-settur finanzjarju fil-Kroazja), C2.9-R2 (Tisħiħ tas-sistema ta' rieżami fl-akkwist pubbliku), C2.9-R3 (Akkwist Innovattiv), C3.1-R1 (Riforma strutturali tas-sistema edukattiva), C3.1-R2-I1 (Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni għolja), C3.2-R1-I1 (Żvilupp ta' sistema ta' ftehimiet tal-programm għall-finanzjament ta' universitajiet u istituti tar-riċerka ffukati fuq l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp), C3.2-R2-I1 (Żvilupp ta' mudell abilitanti għall-progressjoni tal-karriera tar-riċerkaturi u t-twettiq ta' riċerka xjentifika avvanzata fl-oqsma STEM u ICT), C3.2-R2-I2 (Investiment fir-riċerka — infrastruttura teknoloġika fl-oqsma STEM u ICT), C3.2-R3-I1 (Introduzzjoni ta' qafas ta' programmazzjoni aktar funzjonali għall-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni), C4.1-R1 (Żvilupp u implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati ġodda għall-finijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tas-suq tax-xogħol), C4.1-R2 (Tisħiħ tas-sistema ta' inklużjoni u monitoraġġ ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol permezz ta' titjib tal-proċessi tas-servizzi tal-impjiegi), C4.1-R3-I1 (Implimentazzjoni ta' vawċers għall-edukazzjoni, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet għall-adulti), C4.2-R1 (Żieda fl-adegwatezza tal-pensjonijiet permezz ta' riforma kontinwa tal-pensjonijiet), C4.3-R1-I1 (Titjib tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-benefiċċji soċjali bejn il-livelli nazzjonali u lokali),

C4.3-R2-I1 (Introduzzjoni ta' servizzi ta' mentoraġġ soċjali), C4.3-R3-I4 (Kostruzzjoni u tagħmir ta' ċentri għall-kura tal-anzjani (servizzi bbażati fid-dar u fil-komunità u servizzi istituzzjonali)), C4.3-R1 (Trasparenza u adegwatezza tal-benefiċċji soċjali fis-sistema tal-protezzjoni soċjali), C5.1-R1-I1 (Introduzzjoni ta' spiżeriji mobbli fil-kura primarja, unitajiet tal-kura outpatient mobbli) C5.1-IR1-I2, C5.1-R1-I3 (Kostruzzjoni u tagħmir ta' unitajiet ta' iżolament kliniku (3, 4 u 1/5 tal-bini) Klinika tal-Mard Infettiv "Dr Fran Mihaljević"), C5.1-R1-I5 (Kostruzzjoni u tagħmir tal-Isptar Ġenerali "OB Varaždin"), C5.1-R1-I9 (Żvilupp taċ-Ċentru tal-Isptarijiet Kliniċi "KBC Zagreb", Stadju III — tagħmir b'tagħmir mediku u mhux mediku), C5.1-R2-I1 (Xiri ta' tagħmir għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' pazjenti bil-kanċer), C5.1-R2-I2 (Akkwiżizzjoni u implimentazzjoni ta' tagħmir għall-istabbiliment tan-Netzwerk Onkoloġiku Nazzjonali u l-Bażi tad-Data Onkoloġika Nazzjonali), C5.1-R3-I1 (Finanzjament ċentrali għall-ispeċjalizzazzjonijiet), C5.1-R3-I2 (Taħriġ speċjalizzat ta' infermiera u tekniċi fil-mediċina ta' emerġenza), C5.1-R4-I1 (Preparazzjoni ċentrali ta' preparazzjonijiet parenterali fi 8 spertarijiet Kroati), C5.1-R4-I2 (Introduzzjoni ta' sistema ta' distribuzzjoni ta' terapija ta' unità f'40 spertar Kroat), C5.1-R4-I3 (Diġitalizzazzjoni tat-traċċar tal-mediċina permezz ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa fil-livelli sekondarji u terzjarji tal-kura tas-saħħa), C5.1-R4-I4 (Żvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ u prevenzjoni tan-nuqqasijiet ta' mediċini fil-Kroazja), C5.1-R4-I5 (Introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ tal-eżitu tat-trattament għall-kura outpatient b'enfasi fuq pazjenti kroniċi fl-ispiżeriji pubbliċi), C5.1-R2 (Introduzzjoni ta' mudell ta' kura ġdid għall-isfidi ewlenin tas-saħħa), C6.1-R1-I1 (Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini), C6.1-R1-I3 (Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini bl-istatus ta' beni kulturali), C6.1-R4-I1 (Żvilupp tan-network tad-data sismoloġika),

C6.1-R2 (Żvilupp ta' qafas għall-iżgurar ta' ħiliet adegwati fil-kuntest tal-impjegi ekoloġiċi meħtieġa għar-rikostruzzjoni ta' wara t-terremot), C6.1-R3 (Żieda fl-effiċjenza, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' rinnovazzjoni), C6.1-R4 (Modernizzazzjoni u l-integrazzjoni tad-data sismika għall-proċess ta' rinnovazzjoni u l-ippjanar tal-kostruzzjoni u l-monitoraġġ futuri tal-infrastruttura pubblika), C6.1-R5 (Introduzzjoni ta' mudell ġdid ta' strateġiji ekoloġiċi ta' tiġdid urban u l-implimentazzjoni ta' proġett pilota għall-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika u l-ġestjoni ċirkolari tal-bini u tal-ispazju), C6.1-R6 (Proġett pilota għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni sistematika tal-enerġija u l-iżvilupp ta' mudell ta' finanzjament ġdid), C6.1-R7 (Użu ċirkolari tal-iskart tal-kostruzzjoni minn bini bl-istatus ta' beni kulturali: proġett pilota li jesplora l-possibiltajiet ta' skambju u kummerċ), C7.1-I1 (Miżura fuq skala akbar: Akkwist ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi għat-trasport pubbliku urban u suburban regolari), C7.1-I2 (Miżura fuq skala akbar: Programm ta' kofinanzjament għax-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bi fjuwils alternattivi u l-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' fjuwils alternattivi fit-trasport bit-triq), C7.1-I3 (Żieda fil-kapaċità tat-terminal tal-LNG fuq il-gżira ta' Krk u t-tiżiħ tal-infrastruttura tal-gass), C7.1-R1-I3 (Tiżiħ tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u t-tiżiħ), C7.1-R1-I6 (Tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tan-network tal-elettriku), C7.1-R1 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), C7.2-I1 (Miżura fuq skala akbar: Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini), C7.2-R1 (Miżura fuq skala akbar: Żieda fl-effiċjenza, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' rinnovazzjoni), C7.2-R2 (Miżura fuq skala akbar: L-introduzzjoni ta' mudell ġdid ta' strateġiji ta' tiġdid urban ekoloġiku u l-implimentazzjoni ta' proġett pilota għall-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika u l-ġestjoni ċirkolari tal-bini u l-ispazju),

C7.2-R3 (Miżura fuq skala akbar: Introduzzjoni ta' mudell ġdid ta' strateġiji ta' tiġdid urban ekoloġiku u l-implimentazzjoni ta' proġett pilota għall-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika u l-ġestjoni ċirkolari tal-bini u l-ispazju) u C7.2-R4 (Introduzzjoni ta' mudell ġdid għat-tnejn, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' taġlim għall-adulti mmirati lejn l-iżvilupp ta' ħliet u kompetenzi ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni u moduli xierqa biex jinkoraġġixxu integrazzjoni b'suċċess fis-settur għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi). Abbażi ta' dan il-Kroazja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (11) Wara t-tneħħija ta' ħames miżuri u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kroazja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija ta' dawk il-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni taġhom biex jiżdiedu tliet miżuri ġodda.. Dan jikkonċerna l-miżuri C1.1.1-R4-I5 (Injezzjoni ta' Ekwità fl-HBOR biex jiġu appoġġati l-Investimenti Diġitali Strateġiċi u l-Investimenti Ekoloġiċi Strateġiċi), C1.1.1-R4-I6 (Investiment - Injezzjoni ta' Ekwità fl-HBOR biex jiġu appoġġati l-Investimenti Strateġiċi fid-Difiża u s-Sigurtà) u C7.2 — I3 (Rinnovazzjoni ta' bini li saritlu ħsara f'terremoti b'rinnovazzjoni tal-enerġija). Abbażi ta' dan, il-Kroazja talbet li jiżdiedu 3 miżuri ġodda.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (13) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Kroazja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat huwa mistenni li jkollu impatt għoli (klassifikazzjoni A) fuq it-tiżni tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Kroazja.
- (15) L-emendi għall-kontribut għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali huma relatati mal-allokazzjoni għall-miżuri l-ġodda C1.1.1-R4-I5 (Injezzjoni ta' Ekwità fl-HBOR biex jiġu appoġġati l-Investimenti Diġitali Strateġiċi u l-Investimenti Ekoloġiċi Strateġiċi) u C1.1.1-R4-I6 (Investiment - Injezzjoni ta' Ekwità fl-HBOR biex jiġu appoġġati l-Investimenti Strateġiċi fid-Difiża u s-Sigurtà), b'mod partikolari billi jiġu inklużi miżuri li jappoġġaw il-potenzjal tat-tkabbir billi jiġi aġġustat strutturalment il-livell ta' appoġġ pubbliku disponibbli biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (17) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika prevista fl-Avviż tal-Kummissjoni bit-titlu “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁶. Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-emenda tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-verżjoni oriġinali tal-RRP. Jista' jiġi konkluż, mill-informazzjoni pprovduta li l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj/eng>).

⁶ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribut għall-oġettivi ta' REPowerEU

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (19) Minkejja t-talba tal-Kroazja biex tneħħi jew tnaqqas il-livell tal-implimentazzjoni tagħha ta' 3 miżuri, il-kapitolu REPowerEU għadu konsistenti mal-qafas ta' politika tal-Kroazja li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jżid is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u t-trasport b'emissjonijiet zero u dwar iż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,10 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 60,53 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (21) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tat-tikkettar klimatiku tal-miżura miżjuda u l-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP tal-Kroazja jinvolvu tnaqqis nett fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP minn 38,56% għal 37,10%. Minkejja t-tnaqqis il-miżuri mneħħija jew imnaqqsa ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni kumplessiva tal-RRP fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri tal-RRP xorta huma mistennija jkollhom impatt deġġiem billi jaċċelleraw l-eliminazzjoni gradwali ta' fjuwils fossili favur sistema ta' enerġija rinnovabbli fil-Kroazja. Huma mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-Kroazja u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 21,07% tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (23) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tat-tikkettar diġitali tal-miżura miżjuda u l-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP tal-Kroazja jinvolvu żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP minn 20,22% għal 21,07%. L-RRP emendat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, fosthom billi jżid id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-intrapriżi, b'mod li jżid l-għadd ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji kif ukoll investimenti fl-e-Saħħa u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Kalkolu tal-kostijiet

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (25) Il-Kroazja pprovdiet stimi individwali tal-kost għall-investimenti u r-riformi modifikati u ġodda b'kost assoċjat inkluż fl-RRP emendat, filwaqt li bbażat fuq għadd ta' sorsi biex tiġġustifikahom. Dawn jinkludu sejħiet għal proposti speċifikament varati għall-finijiet tal-RRP, kuntratti pubbliċi li jirreferu għal servizzi simili jew investimenti tal-passat ta' natura simili. Barra minn hekk, il-Kroazja pprovdiet, għall-injezzjonijiet ta' ekwità, informazzjoni dwar il-kostijiet li se jiġu allokati kif ukoll informazzjoni dwar il-kostijiet u t-tariffi tal-ġestjoni. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta mill-Kroazja hija dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Il-Kroazja pprovdiet stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet bl-użu ta' tabella tal-mudell standard, li kienet maħsuba biex tiġbor fil-qosor l-informazzjoni u l-evidenza ewlenin dwar l-estimi tal-kostijiet, fosthom il-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet. Dawn id-dokumenti jinkludu deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet tal-muturi ewlenin u l-bidliet fil-kostijiet tal-miżuri modifikati u l-proporzjonalità tagħhom.
- (26) L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kostijiet għall-miżuri kollha fl-RRP huma meqjusa fil-biċċa l-kbira plawżibbli jew moderatament plawżibbli. Il-Kroazja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali mhuwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (Strategic Technologies for Europe Platform, STEP)

- (27) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, il-Kroazja qieset bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Kroazja qieset li l-ebda proġett bħal dan ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li dwan ma jkoprox iż-żoni li ġew estiżi b'din ir-reviżjoni.

Valutazzjoni pożittiva

- (28) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u jenħtieġ li jiġi stabbilit l-ammont li se jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (29) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Kroazja jammontaw għal EUR 10 040 701 600. Peress li l-ammont tal-kost totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Kroazja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4(a) tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-Kroazja l-RRP emendat jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 5 786 544 628. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Kroazja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (30) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Kroazja li jammonta għal EUR 4 254 156 972 jibqa' l-istess.
- (31) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (32) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri relatati mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix il-ħtieġa għall-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni u, b'mod partikolari, li jinnotifikaw potenzjalment il-każijiet ta' għajjnuna mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Kroazja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
